Mistoqsija u Tweġiba -  Ftehim Settorali 3 ta' Gunju 2024

1. **X'inhuma l-aħħar żviluppi?**

Wara l-laqgħa tal-preżentazzjoni tal-ftehim l-MUT irċeviet feedback u qegħdin naħdmu fuqu mal-Ministeru tal-Edukazzjoni.

2. **Fejn wasalna?**

Indirizzajna l-ewwel issue, tal-esperjenza meta xi ħadd mexa minn grad għal ieħor. Eżempju LSE bi 15-il sena esperjenza saret għalliema ħames snin ilu. F'dan il-każ is-snin kollha se jgħoddu biex kif taqbeż l-20 sena tieħu l-allowance ta' 20+. L-istess se jiġri għal KGE li saret LSE u kull grad ieħor ta' dan il-ftehim.

3. **Dwar affarijiet oħra?**

- Qed niddiskutu l-għalliema fi skala 7 li mhux se jimxu għall-grad il-ġdid ta' Senior Teacher. M'aħniex fil-bogħod mal-gvern sabiex naslu dwar mudell ta' allowances, minflok. Qed niċċaraw ukoll l-irwol ta' Senior Teacher.
- Qed niddiskutu s-snin li LSE2 għandu bżonn biex jitla' skala 9. Hemm żviluppi li qed naħdmu fuqhom.
- Qed inħarsu lejn is-snin li EO u HOS għandhom bżonn biex jilħqu skala 4. Sa issa għad m'hemmx żvilupp.

4. **X'tibdil għad jista' jsir fil-ftehim?**

It-tibdil hu limitat u ma jistax jinbidel il-qafas tal-ftehim, speċjalment l-aspett finanzjarju, li għall-gvern hu wieħed finali.

5. **Għalfejn ġie pospost il-proċess tal-vot?**

Il-vot irid isir fuq l-aħħar verżjoni, li trid tiġi ppreżentata lill-membri. La ser isir xi tibdil, u diġà għandna konferma dwar dan, ma setax jitkompla l-proċess qabel ma jkollna l-verżjoni mibdula tal-ftehim. Meta din tkun lesta, nerġgħu nkomplu l-proċess lejn il-vot tal-ftehim.

6. **Għalfejn il-proċess li niġu naraw il-ftehim twaqqaf?**

Dan sar għall-istess raġuni, għaliex irid ikun hemm il-verżjoni emendata tal-ftehim.

7. **Kif se nifhmu kemm se tkun il-paga bil-ftehim il-ġdid?**

Iż-żidiet jinkludu l-proċess tal-assimilation, il-proċess tal-progression u l-bidliet fl-allowances. Filwaqt li l-allowances huma dawk imniżżla fit-tabelli li ppreżentajna, l-assimilation u l-progression iridu jsiru għal kull impjegat b'mod individwali.

8. **X'inhu l-proċess tal-assimilation?**

Dan hu l-proċess meta ssir bidla fl-iskala, iżda din ma ssirx sempliċiment kemm tinbidel l-iskala u tidħol oħra minflokha. Isir proċess magħruf bħala notional assimilation. Tieħu ritratt ta' fejn qiegħed l-impjegat fl-2022 f'termini ta' snin u skala. Wara taħdem il-ftehim il-ġdid skont dak ir-ritratt tal-impjegat sabiex tirrikonoxxilu kemm is-snin u kemm l-iskala u tmexxih fl-iskala l-ġdida. Dan isir biex impjegat li għandu snin ta' esperjenza ma jinqabiżx minn ieħor li għandu inqas. Il-proċess iwassal għal titjib konsiderevoli tas-salarju.

9. **X'inhu l-proċess tal-progression?**

Il-progression hu kemm impjegat idum biex jimxi minn skala għal oħra. Meta s-snin tal-progression jitnaqqsu, l-impjegat jitlaq jiġri minn skala għal oħra u dan iwassal għal titjib finanzjarju konsiderevoli. Il-proċess isir billi tieħu ritratt ta' fejn kien l-impjegat fl-2022 u taħdem il-progression mill-bidu bis-sistema l-ġdida. Dan iwassal għal bdil fl-iskali.

10. **Meta ser ikollna l-informazzjoni dwar dan kollu?**

L-MUT kif ukoll il-Ministeru qed jaħdmu separatament it-tabelli finanzjarji għal kull grad bis-sistemi li spjegajt. Dan sabiex kull impjegat ikun jaf eżatt kif ser ikun il-pakkett finanzjarju tiegħu b'dan il-ftehim. Kif ikollna konferma tal-workings kollha, anke bit-tibdiliet li qed jiġu diskussi, inkunu nistgħu nippreżentawhom lill-membri.